KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fl-24 ta' Mejju 2012 [1]

Kawża C-589/10

Janina Wencel
vs
Zakład Ubezpieczeń Społecznych w Białymstoku

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Apelacyjny – Sąd Pracy i Ubezpieczeń Społecznych w Białymstoku (il-Polonja))

"Sigurtà soċjali — Artikolu 7 u l-Anness III tar-Regolament Nru 1408/71 — Pensjoni mogħtija fil-Polonja qabel l-adeżjoni — Applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni — Applikabbiltà ta' konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali konkluża qabel id-data li fiha sar applikabbli r-Regolament Nru 1408/71 — Persuna residenti f'żewġ Stati Membri li tibbenefika minn pensjoni tal-irtirar f'wieħed u minn pensjoni tas-superstiti fl-ieħor — Tneħħija ta' waħda minn żewġ pensjonijiet u ordni ta' ħlas lura ta' ammonti ta' flus imħallsa indebitament — Possibbiltà ta' residenza doppja għall-finijiet tar-Regolament Nru 1408/71"

I – Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju qiegħda tagħmel tliet domandi fil-kuntest ta' proċeduri li jirrigwardaw il-legalità ta' deċiżjoni tal-2009, li permezz tagħha l-awtoritajiet Pollakki rrevokaw il-pensjoni tal-irtirar ta' Janina Wencel lilha mogħtija fl-1990, li ordnatilha tirrimborsa l-benefiċċji mħallsa matul l-aħħar tliet snin. Wara li ġew ikkunsidrati diversi fatturi, u skont konvenzjoni internazzjonali konkluża bejn il-Polonja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-1975, ittieħdet il-pożizzjoni li s-sistema tas-sigurtà soċjali Ġermaniża kienet l-unika waħda kompetenti fir-rigward ta' din il-pensjoni.

2. Is-Sąd Apelacyjny qiegħda tistaqsi jekk din id-deċiżjoni amministrattiva (u l-leġiżlazzjoni Pollakka stess li fuqha din hija bbażata) hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 [2], li l-applikabilità tiegħu għall-kawża prinċipali hija diskutibbli.

3. Din il-kawża ser tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel kjarifiki importanti fir-rigward tal-ġurisprudenza tagħha dwar is-sigurtà soċjali, kif ukoll fir-rigward tal-ġurisprudenza tagħha dwar il-problemi ġuridiċi li ta' spiss jinqalgħu f'dak li jirrigwarda l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni għalihom ta' dispożizzjonijiet tranżitorji.

1 — Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

2 — Regolament tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), emendat diversi drabi (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71").

II – Il-Kuntest Ġuridiku

A – *Regolament Nru 1408/71*

4. Skont l-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 1408/71, għall-iskopijiet tar-regolament, "residenza" tfisser "dar fejn normalment joqogħdu" [residenza abitwali].

5. Għalkemm skont l-Artikolu 6, bħala regola ġenerali, ir-Regolament Nru 1408/71 jissostitwixxi l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sigurtà soċjali, l-Artikolu 7 jagħmel eċċezzjoni għal din ir-regola billi jiddikjara li, fost regoli oħra, "ċerti dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali konklużi mill-Istati Membri qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kemm-il darba jkunu aktar favorevoli għall-benefiċjarji jew jekk jinħolqu minn ċirkostanzi storiċi speċifiċi u l-effett tagħhom hu limitat fiż-żmien jekk dawn id-dispożizzjonijiet huma elenkati fl-Anness III" (Artikolu 7(2)(ċ)).

6. Il-Punt 19(a) tal-Parti A tal-Anness III tar-Regolament Nru 1408/71 jirreferi għall-"Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1975 dwar id-disposizzjonijiet dwar ix-xjuħija u l-korriment fuq ix-xogħol, taħt il-kondizzjonijiet u l-iskop definiti mill-Artikolu 27(2) sa (4) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-8 ta' Diċembru 1990 [3]."

7. L-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi li, "Għajr fejn provdut xorta oħra f'dan ir-Regolament, il-benefiċċji fi flus għall-invalidità, ix-xjuħija jew is-sopravivenza, il-pensjonijiet għall-inċidenti fuq ix-xogħol jew għall-mard kawżat mix-xogħol u għotjiet għall-imwiet miksuba skond il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar għandhom ikunu bla ħsara għal kull tnaqqis, modifika, żamma, treġġigħ lura jew konfiska minħabba l-fatt illi min jirċevihom jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għajr dak li fih tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas. […]".

B – *Id-dritt Pollakk*

8. Fil-Polonja, il-pensjonijiet tal-irtirar u pensjonijiet oħra tas-sigurtà soċjali huma rregolati mill-Ustawa z dnia 17.12.1998 r. o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych (Liġi tas-17 ta' Diċembru 1998 dwar il-pensjonijiet mill-Fond tas-Sigurtà Soċjali) [4].

9. L-Artikolu 114(1) tal-Liġi dwar il-pensjonijiet jipprovdi li d-dritt għall-benefiċċji u l-ammont tagħhom għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid fuq it-talba tal-persuna inkwistjoni jew fuq l-inizjattiva tal-istituzzjoni innifisha jekk, wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-benefiċċji, jiġu ppreżentati provi ġodda jew inkella, qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni, jiġu skoperti ċirkustanzi eżistenti li jaffettwaw id-dritt għall-benefiċċji jew l-ammont tagħhom.

10. 10. Skont l-Artikolu 138(1) u (2) tad-Liġi dwar il-pensjonijiet, dawk il-persuni li jkunu tħallsu l-benefiċċji indebitament għandhom jirrimborsawhom. Għandhom jitqiesu bħala benefiċċji indebitament imħallsa dawk il-benefiċċji mħallsa minkejja ċirkustanzi li jwasslu għall-esklużjoni jew għas-sospensjoni tad-dritt għall-benefiċċji, jew għall-waqfien, totali jew parzjali, tal-ħlas tagħhom, meta l-persuna li tkun qed tirċievi l-benefiċċji tkun ġiet avżata li ma hijiex intitolata għalihom.

3 — Dz. U. tal-1976, Nru 16, punt 101. Iktar 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-1975".

4 — Verżjoni konsolidata: Dz. U. tal-2009, Nru 153, punt 1227, (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-pensjonijiet").

C – Il-Konvenzjoni tal-1975

11. Huwa wkoll rilevanti għal din il-kawża l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Polonja tad-9 ta' Ottubru 1975, li jipprovdi dan li ġej: "[il]-pensjonijiet tal-irtirar għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni tal-assigurazzjoni tal-Istat li fih ikun qed jgħix il-benefiċjarju, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għat-tali istituzzjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali] L-Artikolu 4(3) jipprovdi li: "[d]-dritt għal pensjoni jeżisti biss waqt il-perijodu ta' residenza fit-territorju tal-Istat fejn tinsab l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni li tkun stabbilixxiet il-pensjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

III – Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12. 12. Il-kawża prinċipali tirrigwarda d-drittijiet tal-pensjoni tal-irtirar ta' Janina Wencel, ċittadina Pollakka li twieldet fl-1930 u li mill-1975 kienet irreġistrata simultanjament bħala residenti fil-Ġermanja u fil-Polonja. Huwa xieraq li nibda billi niddeskrivi ċ-ċirkustanzi relatati mar-residenza tal-persuna inkwistjoni.

13. 13. Minn naħa waħda, J. Wencel kienet irreġistrata bħala residenti fil-Polonja fejn, bejn l-1 ta' April 1984 u l-31 October 1990, hija ħadmet għall-ħtintha bl-inkarigu li tieħu ħsieb in-neputijiet tagħha stess. Minħabba din l-attività professjonali fil-Polonja, fl-24 ta' Ottubru 1990 iz-Zakład Ubezpieczeń Społecznych (Istituzzjoni tas-Sigurtà Soċjali, iktar 'il quddiem iz-"ZUS") tat lil J. Wencel id-dritt għall-pensjoni tal-irtirar inkwistjoni f'din il-kawża, b'effett mill-1 ta' Lulju 1990, fir-rigward tal-perijodi ta' impjieg li għamlet fil-Polonja.

14. Min-naħa l-oħra, fl-1975 J. Wencel kienet applikat quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi sabiex tingħata permess ta' residenza u mill-proċess jirriżulta li hija kienet irreġistrata bħala residenti fi Frankfurt am Main mill-1975 sal-2010. Fl-1975, ir-raġel ta' J. Wencel mar jgħix fi Frankfurt am Main, fejn hu kien impjegat, u baqa' jgħix hemm sakemm miet fl-2008. Fl-1984, l-awtoritajiet Ġermaniżi tawh pensjoni tal-invalidità. Fl-1 ta' Awwissu 2008, J. Wencel bdiet tirċievi pensjoni tas-superstiti mill-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali Ġermaniża. Fl-applikazzjoni tagħha għal din il-pensjoni, hija indikat indirizz fil-belt ta' Frankfurt.

14. 15. Il-partijiet iddikjaraw li bħalissa J. Wencel qiegħda tgħix fil-Polonja.

16. Fl-2009, iz-ZUS saret taf bil-fatt li J. Wencel kienet irreġistrata ukoll fil-Ġermanja u talbet li din tissottometti dikjarazzjoni bil-miktub dwar liema hu l-post ta' residenza attwali tagħha. Permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-24 ta' Novembru 2009, J. Wencel indikat li mill-25 ta' Awwissu 1975 ir-residenza abitwali tagħha kienet fil-Ġermanja, għalkemm għaddiet il-vaganzi, il-festi u l-jiem tal-ferjat tagħha kollha fil-Polonja.

17. Abbażi ta' din id-dikjarazzjoni, iz-ZUS ħadet żewġ deċiżjonijiet. L-ewwel waħda, adottata fis-26 ta' Novembru 2009, annullat id-deċiżjoni tal-24 ta' Ottubru 1990 li permezz tagħha J. Wencel ingħatat il-pensjoni tal-irtirar, u tterminat il-ħlas tal-pensjoni b'effett mill-1 ta' Diċembru 2009. Skont iz-ZUS, ir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni kienu li minkejja li hija kienet tat indirizz fil-Polonja meta applikat għall-pensjoni fl-1990, sa mill-1975 iċ-ċentru tal-interessi u r-residenza abitwali tagħha kienu jinsabu fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Għal din ir-raġuni z-ZUS sostniet li l-istituzzjoni tal-pensjonijiet Pollakka qatt ma kellha l-kompetenza biex tittratta l-applikazzjoni għall-pensjoni ta' J. Wencel, iżda li, skont l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tal-1975, kienet l-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali Ġermaniża li kellha r-responsabbiltà tieħu din id-deċiżjoni. Iz-ZUS ikkonkludiet li l-applikanta ma kellha ebda dritt tippretendi pensjoni tal-irtirar mis-sistema tas-sigurtà soċjali Pollakka.

18. It-tieni deċiżjoni taz-ZUS, adottata fit-23 ta' Diċembru 2009, kienet konsegwenza tal-ewwel deċiżjoni u permezz tagħha J. Wencel ġiet mitluba tirrimborsa l-ammont indebitament mħallas lilha bħala pensjoni tal-irtirar matul l-aħħar tliet snin, jiġifieri, għall-perijodu bejn l-1 ta' Diċembru 2006 u t-30 ta' Novembru 2009, flimkien mal-interessi marbuta miegħu.

19. J. Wencel ikkontestat iż-żewġ deċiżjonijiet quddiem is-Sąd Okręgowy – Sąd Pracy i Ubezpieczeń Społecznych w Białymstoku [Qorti distrettwali – Qorti tas-sigurtà soċjali u tax-xogħol ta' Białystok, il-Polonja] billi sostniet li z-ZUS kienet qiegħda tikser id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar il-libertà tal-moviment u tar-residenza u li kienet interpretat ħażin id-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Hi ppreċiżat li, mill-1975, kienet tgħix kemm fil-Polonja kif ukoll fil-Ġermanja u għalhekk ma għandux issa jitneħħilha d-dritt għall-pensjoni tal-irtirar. Permezz tas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2010, iż-żewġ rikorsi ġew miċħuda. Is-Sąd Okręgowy ikkonstatat li L. Wencel kienet irreġistrata bħala residenti abitwali kemm fil-Polonja kif ukoll fil-Ġermanja iżda, fil-fatt, kienet għaddiet il-parti l-kbira ta' żmienha fil-Ġermanja u għalhekk iċ-ċentru tal-interessi tagħha kellu jkun fil-Ġermanja.

20. J. Wencel appellat kontra din is-sentenza quddiem is-Sąd Apelacyjny – Sąd Pracy i Ubezpieczeń Społecznych w Białymstoku [Qorti tal-Appell – Qorti tas-sigurtà soċjali u tax-xogħol ta' Białystok]. Minħabba li kien għad hemm dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li hija qieset li kienu applikabbli għall-kawża, il-Qorti tal-Appell issospendiet il-kawża prinċipali u għamlet is-segwenti domandi preliminari:

"1) Il-prinċipju ta' moviment liberu u ta' residenza libera fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, stipulat fl-Artikoli 21 u 20(2) TFUE, iwassal għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà socjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fis-sens li l-benefiċċji tax-xjuħija inkwistjoni, miksuba skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, ma jista' jkollhom ebda modifika, sospensjoni, tneħħija jew konfiska lanqas minħabba l-fatt li l-benefiċjarju rresjeda fl-istess ħin (kellu żewġ postijiet ta' residenza abitwali tal-istess importanza) fit-territorju ta' żewġ Stati Membri, li wieħed minnhom huwa Stat differenti minn dak fejn l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas [tal-pensjoni tal-irtirar] tinsab?

2) L-Artikoli 21 u 20(2) TFUE u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li r-regoli nazzjonali previsti fl-Artikolu 114(1) tal-ustawa z dnia 17.12.1998 r. o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych (Liġi tas-17 ta' Diċembru 1998 fuq il-pensjonijiet tal-fond tas-sigurtà soċjali – Dz. U. 2009, Nru 153, poz. 1227, kif emendata), flimkien mal-Artikolu 4 tal-konvenzjoni dwar l-assigurazzjoni soċjali fil-każ ta' inċidenti tax-xogħol u l-benefiċċji tal-invalidità, tax-xjuħija u tal-mewt, konkluża fid-9 ta' Ottubru 1975 bejn ir-Repubblika Popolari tal-Polonja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Dz. U. 1976, nº 16, poz. 101, kif emendata), jiġu applikati b'mod li l-organizzazzjoni tal-irtirar Pollakka għandha teżamina mill-ġdid il-każ u ċċaħħad mid-dritt tagħha għal pensjoni ta' rtirar persuna li, matul diversi snin, kellha fl-istess ħin żewġ postijiet ta' residenza abitwali (żewġ ċentri tal-interessi) f'żewġ Stati li llum il-ġurnata huma membri tal-Unjoni Ewropea u li, qabel l-2009, ma ppreżentat ebda dikjarazzjoni u lanqas talba li tindika li hija kellha l-intenzjoni li tittrasferixxi ċ-ċentru tal-interessi tagħha f'xi wieħed minn dawn il-pajjiżi?

Fil-każ ta' risposta negattiva:

3) L-Artikoli 20(2) u 21 TFUE, kif ukoll l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li r-regola nazzjonali prevista fl-Artikolu 138(1) u (2) tal-ustawa z dnia 17.12.1998 r. o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych tiġi applikata b'mod li l-organizzazzjoni tal-irtirar Pollakka għandha teżiġi r-rimbors ta' pensjonijiet imħallsa matul l-aħħar tliet snin lil persuna li, mill-1975

sal-2009, kellha fl-istess ħin żewġ postijiet ta' residenza abitwali (żewġ ċentri tal-interessi) f'żewġ pajjiżi li huma, fil-preżent, membri tal-Unjoni Ewropea, jekk, fl-eżami tat-talba għal pensjoni ta' rtirar, u wara l-għoti tagħha, l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni Pollakka ma avżatx lil din il-persuna bin-neċessità li hija tinformaha biż-żamma ta' żewġ postijiet ta' residenza abitwali f'żewġ pajjiżi u n-neċessità li tippreżenta talba jew dikjarazzjoni fir-rigward tal-għażla tal-istituzzjoni tal-assigurazzjoni ta' wieħed minn dawn il-pajjiżi bħala istituzzjoni kompetenti sabiex teżamina t-talbiet li jirrigwardaw il-pensjonijiet ta' rtirar?

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

15. 21. Id-domanda preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Diċembru 2010.

16. 22. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub kemm miz-ZUS, mill-Gvern Pollakk u dak Ġermaniż u kif ukoll mill-Kummissjoni.

17. 23. Waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2012 instemgħu r-rappreżentanti taz-ZUS, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tal-Kummissjoni.

V – Analiżi

18. 24. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju fformulat tliet domandi li, fil-qosor, jittrattaw il-kwistjoni dwar jekk persuna li tkun għexet f'żewġ stati differenti simultanjament mill-1975, u li kienet ingħatat pensjoni tal-irtirar f'wieħed minn dawn l-istati fl-1990, tistax tinvoka d-dritt tal-Unjoni Ewropea bħala bażi biex tikkontesta l-legalità ta' deċiżjoni li permezz tagħha, 19-il sena wara, ġiet imċaħħda minn din il-pensjoni u mitluba tirrimborsa s-somom imħallsa matul l-aħħar tliet snin.

19. 25. Mill-formulazzjoni ta' dawn it-tliet domandi jidher li dawn ġew ibbażati fuq numru ta' preżunzjonijiet li f'ċerti każijiet il-korrettezza tagħhom hija diskutibbli, b'tali mod li dawn id-domandi għandhom jiġu fformulati mill-ġdid u jiġu miżjuda kunsiderazzjonijiet addizzjonali li, għalkemm ma humiex speċifikament mitluba fid-digriet tar-rinviju, fil-fehma tiegħi għandhom jgħinu sabiex tingħata risposta li tkun kemm jista' jkun utli u kompleta biex tiġi riżolta l-kwistjoni fil-kawża prinċipali.

A – *L-ewwel domanda*

1. Il-possibbiltà ta' residenza doppja għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali

20. 26. L-ewwel domanda tippresupponi sitwazzjoni bbażata fuq il-fatti fejn J. Wencel għandha residenza doppja simultanja kemm fil-Polonja kif ukoll fil-Ġermanja, għal liema ċirkustanzi jidher li l-qorti tar-rinviju trid tattribwixxi ċerta importanza ġuridika. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71, konġuntament mal-Artikoli 21 TFUE u 20(2) TFUE, tapplikax fil-każ ta' benefiċjarja ta' pensjoni tal-irtirar li kellha residenza doppja f'żewġ Stati Membri, "li wieħed minnhom huwa Stat differenti minn dak fejn l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas tinsab".

21. 27. Madankollu, jiena nħoss li huwa neċessarju li qabel xejn jingħad li ma jidhirx li l-istruttura tar-Regolament Nru 1408/71 tippermetti li tiġi ddikjarata residenza doppja f'żewġ Stati Membri differenti għal raġunijiet ta' sigurtà soċjali, u lanqas ma tista', ħaġa bħal din, tkun meħtieġa mit-Trattat.

22. 28. Il-biċċa l-kbira tar-regoli ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali li jinsabu fir-Regolament Nru 1408/71 jużaw ir-residenza tal-persuna inkwistjoni bħala "fattur ta' konnessjoni" biex jiddeterminaw liema leġiżlazzjoni hija applikabbli jew liema istituzzjoni hija responsabbli. Għalhekk, pereżempju, ir-residenza tiddetermina liema leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali hija applikabbli fil-każ ta' persuna li teżerċita xi attività fit-territorju ta' diversi Stati Membri [Artikolu 14(2)(b) u Artikolu 14a(1) tar-Regolament Nru 1408/71], jew f'każijiet fejn "tispiċċa li tkun valida l-leġislazzjoni ta' Stat Membru, mingħajr ma ssir applikabbli [għaliha] leġiżlazzjoni ta' Stat ieħor" [Artikolu 13(2)(f)]. Bl-istess mod, il-kriterju tar-residenza jiddetermina liema istituzzjoni hija responsabbli f'każ ta', ngħidu aħna, benefiċċji speċjali mhux kontributtivi (Artikolu 10a(1)).

23. 29. Kieku kellhom jiġu rikonoxxuti effetti ġuridiċi għal sitwazzjonijiet ta' residenza doppja, kemm dawn id-dispożizzjonijiet u kif ukoll bosta dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament Nru 1408/71 ma jkunux jistgħu jiġu applikati u jkun qed jinkiser il-prinċipju ta' leġiżlazzjoni applikabbli waħda li, flimkien mal-prinċipju tal-ugwaljanza u l-ħarsien tad-drittijiet miksuba u dawk fil-proċess li jinkisbu, huwa wieħed mill-prinċipji li jirregolaw din il-leġiżlazzjoni partikolari tal-Unjoni [5].

24. 30. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet tat-Titlu II tar-Regolament Nru 1408/71 jikkostitwixxu sistema kompleta u uniformi ta' regoli tal-kunflitt tal-liġijiet li l-iskop tagħhom huwa dak li jiġi żgurat li l-ħaddiema li jiċċaqilqu ġewwa l-Unjoni jkunu suġġetti għal sistema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn tkun applikabbli l-leġiżlazzjoni ta' iżjed minn stat Membru wieħed, u biex jiġu evitati l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu minħabba dan [6]. Għalhekk, id-determinazzjoni ta' residenza unika għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali tippermetti li tiġi evitata, *inter alia*, is-sovrappożizzjoni ta' benefiċċji pprojbita mir-Regolament Nru 1408/71 (Artikolu 12).

25. 31. Sitwazzjoni bħalma hija dik ta' J. Wencel, fejn persuna jkollha diversi ċentri ta' interessi ta' importanza indaqs f'iżjed minn Stat Membru wieħed, ma hija bl-ebda mod eċċezzjonali. Il-leġiżlatura tal-Unjoni hija konxja ta' dan u għaldaqstant iddeterminat il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati meta tkun qed tiġi ddeterminata r-residenza ta' persuna, u speċifikat li, anki jekk wara evalwazzjoni ġenerali ta' dawn l-elementi kollha jkun għad baqa' fehmiet diversi bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati, il-fattur deċiżiv għandu jkun l-intenzjoni tal-individwu [7]. Konsegwentement, għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali, id-determinazzjoni ta' residenza unika, kemm jekk issir b'selezzjoni jew, fin-nuqqas, b'għażla, hija inevitabbli.

26. 32. Barra dan, jidhirli li dispożizzjoni li timponi l-għażla ta' residenza unika għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali, u li ma tippermettix effett ġuridiku fir-rigward ta' residenza doppja *de facto*, fiha nnifisha u għal din ir-raġuni biss, ma tmurx kontra l-Artikoli 20 TFUE u 21 TFUE invokati mill-qorti tar-rinviju. Kif ser naraw, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti, ir-revoka tal-pensjoni Pollakka ma kellhiex għalfejn tipprekludi lil J. Wencel milli tapplika quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi għall-benefiċċju korrispondenti. Fil-prinċipju, l-obbligu li jiġi speċifikat Stat ta' residenza wieħed biss ma joħloqx żvantaġġ lill-persuna inkwistjoni, minħabba li hi setgħet ukoll tapplika fil-Ġermanja għall-aggregazzjoni tal-perijodi li fir-rigward tagħhom kienet ħallset il-kontribuzzjonijiet fil-Polonja.

27. 33. Biex nikkonkludi, nixtieq ngħid li jidhirli li r-risposta għall-ewwel domanda għandha sempliċement tkun li r-Regolament Nru 1408/71 ma jippermettix li jiġu ddikjarati żewġ residenzi għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali, u li dan ma jmurx kontra l-Artikolu 20(2) TFUE u l-Artikolu 21 TFUE.

5 — Ir-Regolament il-ġdid (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u b'mod partikolari l-Artikolu 89 tiegħu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 5, P. 1) hu bbażat fuq l-istess prinċipji.

6 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, Luitjen, 60/85, Ġabra p. 2365, punt 12.

7 — L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284 p. 1).

2. L-applikabilità għall-kawża tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71

28. 34. Sabiex nipprovdi lill-qorti tar-rinviju b'risposta li kemm jista' jkun tkun utli għas-soluzzjoni tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali, nixtieq inżid mal-konklużjoni preċedenti li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71, li l-imsemmija qorti tinvoka fid-domanda tagħha, ma huwiex applikabbli għal każ inkwistjoni. Fil-fatt, bħalma ser naraw, id-dritt tal-Unjoni bilkemm huwa rilevanti għal din il-kawża, li essenzjalment hi rregolata minn konvenzjoni internazzjonali (a); u, barra dan, iċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża ma jaqgħux taħt is-sitwazzjoni ta' fatt prevista fl-Artikolu 10(b).

a) L-applikabbiltà tal-Konvenzjoni tal-1975 bejn il-Ġermanja u l-Polonja

29. 35. Naturalment, fl-1990, meta z-ZUS tat il-pensjoni tal-irtirar lil J. Wencel, id-dritt tal-Unjoni, u b'mod speċifiku r-Regolament Nru 1408/71, ma kienx japplika fil-Polonja. Min-naħa l-oħra, il-Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1975 bejn il-Ġermanja u l-Polonja li tirregola l-allowances tax-xjuħija u tal-korriment fuq ix-xogħol kienet fis-seħħ.

30. 36. Il-Konvenzjoni tal-1975 kienet waħda mill-ftehim ta' "integrazzjoni" dwar il-pensjonijiet, li l-iskop tagħha kien li tirriżolvi l-problemi fil-qasam tas-sigurtà soċjali li kienu nqalgħu bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Polonja minħabba t-tibdil fit-territorju u l-ispostament tal-popolazzjoni kkaġunati mill-ewwel u mit-tieni gwerer dinjija [8]. Skont l-Artikolu 4 ta' din il-konvenzjoni, ir-responsabbiltà tal-għoti tal-pensjonijiet kienet f'idejn "l-istituzzjoni tas-sigurtà tal-Istat li ġewwa t-territorju tiegħu jgħix il-benefiċjarju, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din l-istituzzjoni", u d-dritt tal-pensjoni jintilef jekk il-persuna inkwistjoni ma tibqax tgħix ġewwa t-territorju tal-Istat li l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni tiegħu tkun stabbilixxiet il-pensjoni.

31. 37. Kif sostna l-Gvern Ġermaniż, konvenzjoni bbażata fuq l-idea li l-pensjonijiet jiġu esportati u fuq il-ħarsien ta' drittijiet miksuba fl-Istat tal-oriġini, ma setgħetx isseħħ fil-kuntest politiku ta' dak iż-żmien (1975), u l-anqas ma seta' jkun hemm il-fenomeni ta' migrazzjoni abitwali marbuta max-xogħol. F'dak il-kuntest speċifiku, l-Istati firmatarji bażikament intrabtu biex iħallsu l-pensjonijiet ta' persuni residenti ġewwa t-territorji tagħhom, filwaqt li ntrabtu li, meta jkunu qed jikkalkulaw il-pensjoni, jieħdu inkunsiderazzjoni l-perijodi ta' kontribuzzjoni fl-Istat l-ieħor [9].

32. 38. Fiż-żmien li J. Wencel kienet ippreżentat l-applikazzjoni tagħha għal pensjoni tal-irtirar, il-każ deher li kien wieħed purament domestiku: iz-ZUS aċċettat u sussegwentement ħallset pensjoni skont il-leġiżlazzjoni Pollakka lil persuna li kienet ħadmet u ħallset il-kontribuzzjonijiet fil-Polonja u li f'ebda stadju ma kienet informathom li kienet residenti barra mill-Polonja. Allura, wieħed għandu jippresupponi li kieku fl-1990 l-awtoritajiet Pollakki kienu jafu li l-post ta' residenza ta' J. Wencel, iddeterminat skont il-kriterji previsti mil-leġiżlazzjoni Pollakka, kien il-Ġermanja u mhux il-Polonja, huma kienu jirrifjutaw li jagħtuha l-pensjoni, minħabba li, skont il-Konvenzjoni tal-1975 bejn il-Ġermanja u l-Polonja, il-kompetenza għall-ħlas ta' din il-pensjoni kienet tkun f'idejn l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali Ġermaniżi: l-istituzzjoni responsabbli tħallas il-pensjoni suppost li kienet l-istituzzjoni Ġermaniża, u l-kalkolu ta' din il-pensjoni suppost kellu jsir skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża fis-seħħ f'dak iż-żmien, anki jekk wieħed iqis il-perijodi li fir-rigward tagħhom il-kontribuzzjonijiet tħallsu fil-Polonja.

8 — Fil-Ġermanja, fl-istess kuntest u skont l-istess prinċipju ta' "integrazzjoni", ġiet approvata l-Fremdrentengesetz (Liġi tat-28 ta' Settembru 1958 dwar id-drittijiet tal-pensjoni miksuba permezz ta' kontribuzzjonijiet magħmula barra l-pajjiż). F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Diċembru 2007, Habelt *et*, (C-396/05, C-419/05 u C-450/05), punti 101 sa 104).

9 — Fl-1990, meta ċ-ċirkustanzi nbidlu, iż-żewġ Stati ffirmaw konvenzjoni oħra li, madankollu, ma hijiex applikabbli għal dan il-każ minħabba li bis-saħħa tal-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni l-ġdida tas-sigurtà soċjali tat-8 ta' Diċembru 1990, il-Konvenzjoni tal-1975 għandha tkompli tapplika għal dawk il-persuni li biddlu r-residenza tagħhom qabel l-1990.

33. 39. Għalhekk huwa assolutament raġonevoli li wieħed jassumi li, jekk J. Wencel kienet residenti fil-Ġermanja fl-1990, hija setgħet tapplika quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi għal pensjoni tal-irtirar, liema pensjoni kienet tiġi maħduma billi jittieħdu inkunsiderazzjoni s-snin li fihom hi kienet ħallset il-kontribuzzjonijiet fil-Polonja [10]. Il-Konvenzjoni tal-1975, min-naħa l-oħra, ma setgħetx tikkontempla applikazzjoni indirizzata lill-awtoritajiet Pollakki.

34. 40. Jidher li dan kien il-kriterju li wassal għad-deċiżjonijiet ikkontestati fil-kawża prinċipali, li permezz tagħhom ġiet ordnata r-revoka tal-pensjoni ta' J. Wencel u li permezz tagħhom hija ġiet mitluba tirrimborsa l-ammonti mħallsa matul l-aħħar tliet snin. Dawn id-deċiżjonijiet huma wkoll irregolati mill-Konvenzjoni tal-1975, minkejja l-fatt li ttieħdu wara l-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea.

35. 41. Fil-fatt, għalkemm ir-Regolament Nru 1408/71 kien diġà applikabbli fil-Polonja sa mill-adeżjoni ta' din tal-aħħar mal-Unjoni fl-2004, peress li dan ir-regolament issostitwixxa l-konvenzjonijiet tas-sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri (Artikolu 6 tar-Regolament), l-Artikolu 7 tiegħu jipprevedi ċerti eċċezzjonijiet għal din ir-regola, waħda minn liema hija applikabbli għall-każ ineżami.

36. 42. Għalhekk, bis-saħħa tal-Artikolu 7(2)(ċ) tar-Regolament Nru 1408/71, minkejja dak previst fl-Artikolu 6, għandhom jibqgħu ġeneralment applikabbli "ċerti dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali konklużi mill-Istati Membri qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kemm-il darba jkunu aktar favorevoli għall-benefiċjarji jew jekk jinħolqu minn ċirkostanzi storiċi speċifiċi u l-effett tagħhom hu limitat fiż-żmien jekk dawn id-dispożizzjonijiet huma elenkati fl-Anness III".

37. 43. Għalhekk is-subparagrafu (ċ) jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet tas-sigurtà soċjali li huma elenkati fl-Anness III tar-Regolament għandhom japplikaw, bħala eċċezzjoni, meta dawn ikunu iżjed favorevoli għall-benefiċjarju jew, fi kwalunkwe każ, meta dawn ikunu r-riżultat ta' ċirkustanzi storiċi speċifiċi u l-effett tagħhom ikun limitat fiż-żmien.

38. 44. Fil-fehma tiegħi, minħabba li l-Konvenzjoni tal-1975 bejn il-Ġermanja u l-Polonja tissemma espressament, b'mod ġenerali, fil-punt 19(a) tal-Parti A tal-Anness III [11], fis-sens li l-Konvenzjoni kienet ir-riżultat taċ-ċirkustanzi storiċi speċifiċi msemmija iktar 'il fuq u li l-effett tagħha hu limitat fiż-żmien minħabba l-kundizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1990 imsemmija iktar 'il fuq, hija l-Konvenzjoni tal-1975, pjuttost milli r-Regolament Nru 1408/71, li għandha titqies bħala totalment applikabbli fir-rigward tal-pensjoni tal-irtirar hawn inkwistjoni, u ma hemm ebda bżonn li wieħed iqis jekk id-dispożizzjoni inkwistjoni hijiex iżjed favorevoli għall-benefiċjarju mid-dispożizzjoni tal-Unjoni.

39. 45. Fil-prinċipju, u sa fejn dan huwa possibbli, il-ġurisprudenza, bħala regola ġenerali, ma tipprekludix l-applikazzjoni simultanja ta' din it-tip ta' konvenzjoni u d-dritt Komunitarju. Fil-fatt, fis-sentenza Torrekens [12] ġie ppreċiżat li r-Regolament imsejjaħ Nru 3 (li ppreċeda r-Regolament Nru 1408/71) baqa' japplika "sa fejn dawn il-konvenzjonijiet ma [kinux jipprekludu] l-applikazzjoni tiegħu" (punt 21).

10 — Madankollu, għandu jiġi nnutat li, skont l-informazzjoni ppreżentata waqt is-seduta, li kieku J. Wencel għamlet dan, probabbilment ma kinitx tkun intitolata għal pensjoni tal-irtirar qabel ma jkunu għaddew ħames snin, minħabba li skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża dwar il-pensjonijiet, li kienet tkun tapplika fil-każ tagħha, u minkejja l-akkumulazzjoni tal-perijodi ta' kontribuzzjoni kollha, l-età pensjonabbli Ġermaniża kienet tintlaħaq ħames snin wara dik Pollakka (jiġifieri fl-età ta' 65 sena minflok 60).

11 — Għandu jiġi nnotat li l-punt 19 tal-Anness III jirreferi għal-Konvenzjoni tal-1975 fit-totalità tagħha, għall-kuntrarju tal-punti l-oħra li jsemmu biss ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi ta' konvenzjonijiet oħra.

12 — Sentenza tas-7 ta' Mejju 1969, Torrekens (28/68, Ġabra 125).

40. 46. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet fis-sentenza TNT Express Nederland BV [13], b'konnessjoni mal-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 44/2001 [14], li dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tagħti preċedenza lill-applikazzjoni ta' konvenzjoni "ma jistax ikoll[ha] portata kunfliġġenti mal-prinċipji li fuqhom tkun ibbażata l-leġiżlazzjoni li minnha [t]agħmel parti" jew "twassal għal riżultati li huma inqas favorevoli għat-twettiq tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern minn dawk li għalihom iwasslu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament" (punt 51).

41. 47. L-istess idea tirriżulta mill-ġurisprudenza li ssostni li, minkejja n-natura mandatorja tar-regola ġenerali li l-konvenzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali huma ssostitwiti mir-Regolament Nru 1408/71 u n-natura strettament eċċezzjonali tad-derogi skont l-Artikolu 7 u, b'mod partikolari, l-Anness III, il-libertajiet tat-Trattat "jipprekludu t-telf ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali lill-ħaddiema kkonċernati li jirriżultaw mill-inapplikabilità, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1408/71, ta' konvenzjonijiet li jseħħu bejn żewġ Stati Membri jew iżjed [15]."

42. 48. Madankollu jien jidhirli li fi kwalunkwe każ il-moviment liberu qed jiġi mħares f'din il-kawża. Meta, fl-2009, iz-ZUS iddeċidiet li l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas tal-pensjoni kienet dik ta' Stat Membru ieħor, hija ma kkaġunat ebda "telf" lil J. Wencel ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali jew ta' drittijiet miksuba, għas-sempliċi raġuni li d-dritt għal pensjoni Pollakka qatt ma eżista. Fil-prinċipju, lanqas ma qegħditha f'pożizzjoni inqas favorevoli li setgħet timpedilha ċ-ċirkulazzjoni tagħha ġewwa l-Unjoni, peress li l-irtirar tal-pensjoni Pollakka ma ċaħħadhiex mid-dritt li tapplika għal pensjoni fil-Ġermanja.

43. 49. Konsegwentement, l-eżami tal-2009 tal-legalità tad-deċiżjoni meħuda fl-1990 kien irregolat mill-Konvenzjoni tal-1995. Id-dritt tal-Unjoni ma għandu ebda rilevanza meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk id-deċiżjoni tal-1990 taz-ZUS favur l-għoti ta' pensjoni Pollakka kinitx valida u allura jekk, fl-2009, din kellhiex tiġi annullata. Huwa biss fil-każ li kellu jiġi pprovat li, għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali, ir-residenza abitwali ta' Wencel fl-1990 kienet fil-Polonja, li setgħet tiġi kkontestata l-validità tad-deċiżjoni taz-ZUS, u xorta waħda din il-kontestazzjoni kien ikollha ssir skont il-Konvenzjoni tal-1975 u r-regoli dwar id-determinazzjoni tar-residenza li jinsabu fiha u fil-leġiżlazzjoni Pollakka.

b) Is-sitwazzjoni bbażata fuq il-fatti f'din il-kawża ma hijiex prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71

44. 50. Barra minn hekk, kif diġà semmejt, is-sitwazzjoni bbażata fuq il-fatti inkwistjoni ma hijiex prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71, li japplika għal ċirkustanzi pjuttost differenti minn dawk li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali.

45. 51. Skont il-kliem tiegħu, l-iskop tal-Artikolu 10 huwa dak li jipprevjeni li l-pensjonijiet jiġu b'xi mod ippreġudikati minħabba l-fatt li "min jirċevihom jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għajr dak li fih tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas." Madankollu, kif spjegajt qabel, fil-każ ta' J. Wencel, ma seta' kien hemm ebda kunflitt bejn il-post fejn tinsab l-istituzzjoni u r-residenza tal-persuna kkonċernata. Skont il-Konvenzjoni tal-1975, din ir-residenza kienet tiddetermina l-Istat li kellu jħallas il-pensjoni; minn dan isegwi li J. Wencel jew kellha r-residenza tagħha fil-Ġermanja, f'liema każ l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas kienet l-istituzzjoni Ġermaniża, jew inkella r-residenza

13 — Sentenza tal-4 ta' Mejju 2010, TNT Express Nederland BV (C-533/08, Ġabra p. I-4107).

14 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni, u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

15 — Sentenza Habelt *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 118 u 119. Ara ukoll is-sentenzi tas-7 ta' Frar 1991, Rönfeldt (C-227/89 Ġabra I-323) u tal-5 ta' Frar 2002, Kaske (C-277/99 Ġabra I-1261). Madankollu, il-ġurisprudenza tippreċiża li dan il-prinċipju ma jistax japplika għal ħaddiema li ma eżerċitawx id-dritt tagħhom ta' moviment liberu qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (sentenza tad-9 ta' Novembru 1995, Thévenon, C-475/93, Ġabra I-3813).

tagħha kienet fil-Polonja, f'liema każ il-pensjoni kienet taqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet Pollakki. Barra minn hekk, minħabba li, kif diġà rajna, sitwazzjoni ta' "residenza doppja" ma taqax fl-ambitu tar-Regolament Nru 1408/71 [16], iċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża ma jistgħu bl-ebda mod jaqgħu taħt is-sitwazzjoni ta' fatt prevista fl-Artikolu 10.

46. 52. Fil-qosor, qed inħarsu lejn diversi sitwazzjonijiet ibbażati fuq il-fatti, u għalhekk f'din il-kawża ma nistgħux ninvokaw il-protezzjoni li jista' joffri l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71.

47. 53. Minbarra l-osservazzjonijiet premessi, u sabiex tingħata risposta utli lis-Sąd Apelacyjny, għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 10 jista' jkun ta' rilevanza fis-sitwazzjoni l-ġdida li ssib ruħha fiha J. Wencel issa li, wara l-mewt ta' żewġha, reġgħet qiegħda tgħix il-Polonja b'mod stabbli.

48. 54. Naturalment, bidla ta' residenza bħal din (u fi kwalunkwe każ hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi jekk dan huwiex il-każ jew le) ma tnaqqasx il-legalità tad-deċiżjoni tal-1990 taz-ZUS li, kif diġà semmejt, għandha dejjem tibqa' tiġi eżamintata fid-dawl tal-Konvenzjoni tal-1975. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 94 tar-Regolament Nru 1408/71, dan ir-Regolament ma joħloq ebda dritt fir-rigward ta' dawk il-perijodi li ppreċedew id-dħul fis-seħħ tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. Din id-dispożizzjoni hija konsistenti mal-prinċipju ta' ċertezza legali, li skont il-ġurisprudenza tipprekludi li regolament jiġi applikat b'mod retroattiv, u dan irrispettivament minn jekk applikazzjoni bħal din ikollhiex effetti favorevoli jew sfavorevoli fil-konfront tal-persuna kkonċernata [17]. Konsegwentement, anki li kieku kien hemm bidla tar-residenza lejn il-Polonja fl-2009, l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas tal-pensjoni ta' J. Wencel xorta kienet tibqa', skont il-Konvenzjoni tal-1975, l-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali Ġermaniża. Bidla bħal din ma tistax taffettwa l-legalità ta' deċiżjoni li diġà ttieħdet jew dritt li nħoloq meta kienet applikabbli biss il-Konvenzjoni.

49. 55. Madankollu, huwa wkoll prinċipju ġeneralment rikonoxxut li, anki jekk il-leġiżlazzjoni l-ġdida tkun applikabbli biss għall-futur, għandha tapplika wkoll, ħlief fil-każ ta' xi derogi, għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu meta kienet fis-seħħ il-liġi preċedenti [18]. Għalhekk, għandu jiġi affermat li d-dritt tal-Unjoni jista' jkollu xi impatt fir-rigward tal-ħlas attwali tal-pensjoni Ġermaniża fiż-żmien preżenti.

50. 56. Kif semmejt iktar 'il fuq, l-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni tal-1975 jipprovdi li d-dritt għal pensjoni "jeżisti biss waqt il-perijodu ta' residenza fit-territorju tal-Istat fejn tinsab l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni li tkun stabbilixxiet il-pensjoni". Madankollu, wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dritt tal-Unjoni jiġi osservat meta jkunu qed japplikaw din ir-regola. Għalhekk wieħed jista' jsostni li, hekk kif il-persuna kkonċernata tmur tgħix il-Polonja wara li dak il-pajjiż ikun sar membru tal-Unjoni, id-dritt għall-pensjoni jiġi "esportat" skont ir-Regolament Nru 1408/71. Skont il-Konvenzjoni, li kienet tapplika fiż-żmien li fih inħoloq id-dritt, l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas tal-pensjoni xorta tibqa' l-istituzzjoni Ġermaniża, iżda J. Wencel tista' titlob il-pensjoni tal-irtirar tagħha fil-Polonja u, possibbilment, tista' ukoll teżiġi "l-esportazzjoni" tal-pensjoni tas-superstiti Ġermaniża tagħha.

51. 57. Barra minn hekk, ir-ritorn lura fil-Polonja ma jista' jkollu ebda impatt negattiv fuq il-persuna kkonċernata. Din is-sitwazzjoni taqa' kollha kemm hi fl-ambitu tar-Regolament Nru 1408/71, u b'mod partikolari tal-Artikolu 10 tiegħu, minħabba li J. Wencel tkun qed tgħix fit-territorju ta' Stat Membru (il-Polonja) li ma huwiex dak li fih tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas (il-Ġermanja). Dan

16 — Huwa probabbli ħafna li l-Konvenzjoni tal-1975, li hija applikabbli għal dan il-każ, tadotta l-istess loġika tar-Regolament Nru 1408/71 fir-rigward ta' dan il-punt partikolari. Għalkemm ser nissogra li nidħol f'ambitu li ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jien naħseb li, fid-dawl tad-deskrizzjonijiet tal-Konvenzjoni mogħtija mill-partijiet, nista' nistqarr b'xi ftit tal-kunfidenza li residenza doppja tkun, jekk xejn, iżjed problematika fil-kuntest u fiċ-ċirkustanzi li wasslu għall-Konvenzjoni milli fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, minħabba li apparentement ir-residenza hija l-uniku kriterju jew fattur ta' konnessjoni f'dak il-kuntest ġuridiku.

17 — Sentenza tat-18 ta' April 2002, Duchon, C-290/00, Ġabra p. I-3567, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata.

18 — Sentenza Duchon, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata.

l-artikolu jipprovdi li din is-sitwazzjoni ma għandiex tikkaġuna xi tnaqqis, modifika, irtirar jew sospensjoni ta' benefiċċji. Naturalment, l-effetti ta' din ir-regola huma limitati għal pensjonijiet dovuti b'effett miż-żmien li fih J. Wencel tkun irritornat lejn il-Polonja, u ma japplikawx fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw pensjonijiet dovuti qabel dak iż-żmien. Għalhekk, f'sitwazzjoni bħal din, ikun importanti li wieħed jistabbilixxi d-data tar-ritorn biex tkun tista' tiġi evalwata l-validità tad-deċiżjoni taz-ZUS tal-2009 li permezz tagħha ġie ordnat ir-rimbors tal-benefiċċji li jikkorrispondu għat-tliet snin preċedenti.

3. Konklużjoni tal-ewwel domanda

52. 58. Biex wieħed jikkonkludi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha l-ewwel nett tiġi introdotta permezz tal-preċiżazzjoni li dikjarazzjoni ta' residenza doppja għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali ma tidħolx fl-ambitu tar-Regolament Nru 1408/71 u li l-esklużjoni ta' din l-alternattiva ma tikkostitwixxix ksur tal-Artikoli 20(2) TFUE u 21 TFUE. It-tieni nett, għandu jiġi ppreċiżat li d-dritt tal-Unjoni (u r-Regolament Nru 1408/71 b'mod partikolari) ma huwiex rilevanti meta wieħed jiġi biex jevalwa l-legalità ta' deċiżjoni li ttieħdet fl-1990 biex tingħata pensjoni Pollakka, u li, skont l-Artikolu 7(2)(ċ) tar-Regolament Nru 1408/71, id-drittijiet għal pensjoni ta' ċittadina Pollakka li ħadmet u ħallset il-kontribuzzjonijiet fil-Polonja iżda ttrasferixxiet ir-residenza tagħha lejn il-Ġermanja qabel l-1990 ikomplu jiġu rregolati mill-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Polonja tad-9 ta' Ottubru 1975 dwar l-allowances tax-xjuħija u tal-korriment fuq ix-xogħol. Din is-sitwazzjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71.

53. 59. Madankollu, li kieku l-benefiċjarja tal-pensjoni kienet marret lura sabiex tgħix fil-Polonja wara l-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea, dan ma setax iwassal, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71, għal tnaqqis, modifika, sospensjoni, tneħħija jew konfiska ta' dawk id-drittijiet għall-pensjoni.

B – *It-tieni u t-tielet domandi*

54. 60. Permezz tat-tieni u t-tielet domandi, li jistgħu jiġu ttrattati flimkien, il-qorti Pollakka tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikoli 21 u 20(2) TFUE u l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludux deċiżjonijiet bħal dawk adottati miz-ZUS fl-2009, li permezz tagħhom ġie miċħud id-dritt għal pensjoni tal-irtirar ta' persuna li "kellha fl-istess ħin żewġ postijiet ta' residenza abitwali (żewġ ċentri tal-interessi) f'żewġ Stati li llum il-ġurnata huma membri tal-Unjoni Ewropea u li, qabel l-2009, ma ppreżentat ebda dikjarazzjoni u lanqas talba li tindika li hija kellha l-intenzjoni li tittrasferixxi ċ-ċentru tal-interessi tagħha f'xi wieħed minn dawn il-pajjiżi", u ġie ordnat ir-rimbors ta' dawk l-ammonti mħallsa matul it-tliet snin preċedenti, meta jitqies li, fiż-żmien li fih kienet qiegħda tiġi eżaminata l-applikazzjoni għall-għoti ta' pensjoni tal-irtirar u wara li din tħallset, dik il-persuna ma ġietx "[avżata] bin-neċessità li hija tinformaha biż-żamma ta' żewġ postijiet ta' residenza abitwali f'żewġ pajjiżi u n-neċessità li tippreżenta talba jew dikjarazzjoni fir-rigward tal-għażla tal-istituzzjoni tal-assigurazzjoni ta' wieħed minn dawn il-pajjiżi bħala istituzzjoni kompetenti sabiex teżamina t-talbiet li jirrigwardaw il-pensjonijiet ta' rtirar".

55. 61. Dawn iż-żewġ domandi, bħall-ewwel domanda, jitilqu mill-premessa li sitwazzjoni bbażata fuq il-fatti ta' residenza doppja f'żewġ Stati Membri jista' jkollha effetti ġuridiċi. Ladarba tiġi eskluża din il-premessa ta' residenza doppja, anki dawn iż-żewġ domandi, hekk kif inhuma fformulati, ikunu irrilevanti.

56. 62. Madankollu, sabiex għal darba oħra l-qorti tar-rinviju tingħata risposta utli, jidhirli li huwa neċessarju li nagħmel preċiżazzjoni fir-rigward ta' dak li qalet il-qorti tar-rinviju dwar l-azzjonijiet taz-ZUS u tal-persuna kkonċernata matul il-proċedura tal-applikazzjoni, l-għoti u l-pagament tal-pensjoni.

57. 63. Skont dak li ntqal fid-digriet tar-rinviju, J. Wencel ma ddikjaratx il-bidla tar-residenza tagħha, u z-ZUS, min-naħa tagħha, ma infurmathiex li kellha tagħmel din id-dikjarazzjoni. Jidher li s-Sąd Apelacyjny qed tissuġġerixxi li dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jkunu rilevanti meta wieħed ikun qed jikkunsidra l-legalità tad-deċiżjonijiet taz-ZUS skont id-dritt tal-UE [19].

58. 64. Fil-fatt, minkejja dak li diġà ntqal dwar l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni tal-1975 għal din il-kawża, ir-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi applikat bħala kriterju tal-legalità tad-deċiżjoni taz-ZUS tal-2009 f'dak li jirrigwarda l-aspetti formali u proċedurali.

59. 65. Għalhekk, l-Artikolu 84a tar-Regolament, li jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti mir-Regolament, huwa rilevanti biex ikun jista' jiġi evalwat jekk, meta z-ZUS ħadet id-deċiżjoni fl-2009, issodisfatx l-istandards ta' kondotta imposti minn din id-dispożizzjoni, li kienet kollha kemm hi fis-seħħ fid-data inkwistjoni, fil-konfront tar-relazzjonijiet tagħha ma' J. Wencel.

60. 66. Minħabba li l-Artikolu 84a jirrigwarda biss l-aspetti formali tar-relazzjonijiet bejn is-sistema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru u l-persuni li għalihom japplika dan ir-regolament, u minħabba li ma jaffettwax is-sustanza tad-deċiżjoni tal-2009, ma jista' jkun hemm ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni tiegħu f'dan il-każ [20]. B'mod partikolari, ma jistax jiġi allegat li l-iskop tar-Regolament Nru 1408/71 ma huwiex li jirregola l-proċedura tar-rimbors ta' benefiċċji mħallsa indebitament. Huwa veru li hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jadotta leġiżlazzjoni speċifika fir-rigward ta' din il-proċedura, iżda din il-leġiżlazzjoni għandha f'kull każ tkun konformi mad-dritt tal-UE.

61. 67. Fil-qosor, l-Artikolu 84a(1) jimponi obbligu reċiproku ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni lill-istituzzjonijiet u lill-persuni koperti mir-Regolament, li jinkiseb permezz tar-rekwiżit li "jipprovdu lill-persuni konċernati b'kull informazzjoni meħtieġa biex huma jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom minn dan ir-Regolament", fil-każ tal-istituzzjonijiet, u r-rekwiżit li "jinformaw lill-istituzzjonijiet ta' l-Istat kompetenti u ta' l-Istat ta' residenza malajr kemm jista' jkun bil-bidliet kollha fis-sitwazzjoni personali jew tal-familja tagħhom li jolqtu d-dritt tagħhom għall-benefiċċji taħt dan ir-Regolament", fil-każ tal-persuni koperti mir-regolament.

62. 68. Għandha tkun il-qorti nazzjonali li tistabbilixxi jekk iz-ZUS u J. Wencel issodisfawx l-obbligi tagħhom ta' kooperazzjoni, ta' informazzjoni u ta' amministrazzjoni tajba, u li tiddetermina l-punt safejn in-nuqqas ta' dan jistax iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni tal-2009.

63. 69. Fil-każ tal-azzjonijiet ta' J. Wencel, wieħed għandu wkoll jieħu inkunsiderazzjoni li, skont l-Artikolu 84a(2), in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit li jinforma lill-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti, jista' jwassal għall-applikazzjoni ta' miżuri taħt id-dritt nazzjonali. Madankollu, din id-dispożizzjoni tispeċifika li dawn il-miżuri għandhom ikunu "proporzjonati", li jfisser li l-qorti nazzjonali tkun trid teżamina jekk l-irtirar tal-pensjoni u l-ordni biex jiġu rrimborsati l-ammonti indebitament imħallsa jikkostitwixxux miżuri li huma "proporzjonati" fil-kuntest ta' kwalunkwe nuqqas min-naħa ta' J. Wencel li tissodisfa l-obbligu tagħha li tinforma.

19 — Waqt is-seduta, sar ukoll riferiment għall-fatt li sentenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka, mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 (Kawża K 5/11), jista' jkollha xi effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni tal-2009 taz-ZUS, minħabba li din tal-aħħar ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 114(1) tal-Liġi dwar il-pensjonijiet. Is-sentenza sabet li dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi, l-Artikolu 114(a), li tipprovdi li pensjoni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid jekk jintwera li l-provi mogħtija ma jikkostitwixxux bażi suffiċjenti għad-determinazzjoni tad-dritt għal pensjoni jew tal-ammont tal-benefiċċji, tmur kontra l-kostituzzjoni. Għalkemm din is-sentenza ma teskludix b'mod kategoriku li din id-dikjarazzjoni li l-Artikolu 114(1a) jmur kontra l-kostituzzjoni jista' jkollha xi riperkussjonijiet fuq l-Artikolu 114(1) (u li tirreferi b'mod speċifiku għall-konnessjoni qawwija bejn it-tnejn), din hija kwistjoni li fi kwalunkwe każ taqa' barra mill-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

20 — Madankollu, xejn ma jżomm lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tiddeċiedi dwar dan il-punt minħabba li, skont ġurisprudenza abbondanti, hija tista' tkun obbligata tikkunsidra r-regoli tad-dritt tal-Unjoni li għalihom il-qorti nazzjonali ma rreferietx fid-domandi tagħha. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Banco Bilbao Vizcaya Argentaria SA (C-157/10, Ġabra p. I-13023, punt 19).

64. 70. Biex wieħed jikkonkludi, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domandi għandha tkun li kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali Pollakka li tingħata wara d-data tal-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta l-obbligi formali li jinsabu fl-Artikolu 84a tar-Regolament Nru 1408/71, anki fil-każ ta' deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-pensjoni li ma humiex regolati mid-dritt tal-Unjoni. Huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk, fil-każ ineżami, kienx hemm ksur ta' dawn l-obbligi u, jekk dan ikun il-każ, il-konsegwenzi legali u proporzjonati li jista' jkun hemm għal dan il-ksur.

VI – Konklużjoni

65. 71. Konsegwentement, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari tas-Sąd Apelacyjny – Sąd Pracy i Ubezpieczeń Społecznych w Białymstoku (il-Polonja) skont kif ġej:

"1) Dikjarazzjoni ta' residenza doppja għall-iskopijiet tas-sigurtà soċjali ma taqax fl-ambitu tar-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità. L-esklużjoni ta' din il-possibbiltà ma tikkostitwixxix ksur tal-Artikoli 20(2) u 21 TFUE.

Id-dritt tal-Unjoni (u b'mod partikolari r-Regolament Nru 1408/71) ma huwiex rilevanti biex wieħed jevalwa l-legalità ta' deċiżjoni tal-1990 biex tingħata pensjoni Pollakka. Skont l-Artikolu 7(2)(ċ) tar-Regolament Nru 1408/71, id-drittijiet tal-pensjoni ta' ċittadina Pollakka li ħadmet u ħallset il-kontribuzzjonijiet fil-Polonja iżda ttrasferixxiet ir-residenza tagħha lejn il-Ġermanja qabel l-1990, ikomplu jiġu rregolati mill-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Polonja, tad-9 ta' Ottubru 1975, dwar l-allowances tax-xjuħija u tal-korriment fuq ix-xogħol.

Din is-sitwazzjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71. Madankollu, kieku l-benefiċjarja tal-pensjoni kienet marret lura biex tgħix fil-Polonja wara l-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea, dan ir-ritorn ma setax ikollu, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71, l-effett ta' xi tnaqqis, modifika, sospensjoni, tneħħija jew konfiska ta' dawn id-drittijiet għall-pensjoni.

2) Kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet Pollakki tas-sigurtà soċjali li tingħata wara d-data tal-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta l-obbligi formali li jinsabu fl-Artikolu 84a tar-Regolament Nru 1408/71, anki fil-każ ta' deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-pensjoni li ma humiex regolati mid-dritt tal-Unjoni. Huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk, fil-każ ineżami, kienx hemm ksur ta' dawn l-obbligi u, jekk dan ikun il-każ, il-konsegwenzi legali u proporzjonati li jista' jkun hemm għal dan il-ksur."